**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Claire Pulis**

**Illum, 12 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Claire Pulis detentriċi tal-karta tal-identità 118286M, li permezz tagħhom ġiet akkużata talli:

> *"...f'20.10.2019 għall-habt ta' 11.45hrs, 24.10.2019 għall-habta ta' 18.17hrs, 25.10.2019 għall-habta ta' 18.20 hrs u 26.10.2019 għall-habta ta' 14.30hrs ġewwa l-istabiliment Pavi Supermarket fi Triq Manuel Dimech Hal-Qormi*
>
> *1) ikkommettejtu serq sempliċi għad-dannu ta' tal-istabiliment Pavi Supermarket*
> *2) b'diversi atti magħmula minnkom li ġew magħmula fi żminijiet differenti pero' li jiksru l-istess dispożiżżjonijiet tal-liġi, ġejtu ħatja ta' reat kontinwat"*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha ta’ din il-kawża.

**Ikkunsidrat**

Dawn l-imputazzjonijiet jirrisalu għal erba’ dati partikolari u ċioè dawk tal-20 ta’ Ottubru, 2019, l-24 ta’ Ottubru, 2019, il-25 ta’ Ottubru, 2019, u s-26 ta’ Ottubru, 2019.

Bħala provi, ġew eżebiti żewġ affidavits ta’ PS 1284. Fl-ewwel affidavit ippreżentat a fol 2, ma tissemma fl-ebda ħin, l-imputata. Kulma jissemma huwa George Ciantar, li skont l-istess affidavit, fis-26 ta’ Ottubru, 2019, inqabad ħiereġ minn Pavi b’5 fliexken xorb, li ma kienx ħallas għalihom. Fit-tieni affidavit, l-istess PS 1284 sostna li huwa kien ra xi filmati, li minnhom jidher li kien hemm George Ciantar u Claire Pulis, li kienu qed jieħdu xi fliexken, u li skont l-ufficjal tas-sigurtà ta’ Pavi, dawn il-fliexken ma kinux ġew imħallsa.

Din il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta’ Paul Spiteri, li bħala uffiċjal tas-sigurtà tal-PAVI spjega, li fis-26 ta’ Ottubru, 2019, inqabad George Ciantar ħiereġ b’ħames fliexken tax-xorb, li ma kinux ġew imħallsa. Spjega li minn tfittxija li għamel fuq il-filmati mill-*cameras* li hemm fl-istabbiliment tal-PAVI, irriżulta li George Ciantar u Claire Pulis kienu ħadu xi fliexken tax-xorb, li wkoll ma ġewx imħallsa fl-20, fl-24 u fil-25 ta’ Ottubru, 2019.

Din il-Qorti rat id-dokumenti eżebiti, kif ukoll rat il-filmati. Il-filmati jirrigwardaw d-dati tal-20, tal-24 u tal-25 ta’ Ottubru, 2019.

Dwar is-26 ta’ Ottubru, 2019, ma ġie prodott l-ebda filmat. Lanqas mix-xhieda ta’ PS 1284 u mix-xhieda ta’ Paul Spiteri, ma jirriżulta li Claire Pulis kienet involuta. Infatti jissemma biss George Ciantar. Għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex provi quddiemha sabiex issib ħtija fi Claire Pulis għal dak li għandu x’jaqsam mas-26 ta’ Ottubru, 2019.

Dwar l-20 u l-24 ta’ Ottubru, 2019, huwa minnu li Claire Pulis tidher fil-filmati flimkien ma’ persuna oħra maskili. Tidher ukoll tpoġġi xi fliexken ġo kontentinur li kien fil-pussess ta’ dan ir-raġel. Madanakollu, ma tressqux provi li dawn il-fliexken ġew maħruġa minn Claire Pulis. Nonostante li din tidher fil-filmat qed tpoġġihom ġol-kontenitur li kien qed jiġbed warajh dan ir-raġel, dan ma jammontax għal provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li dawn il-fliexken effettivament inħarġu mill-ħanut u ma

ġewx imħallsa. Huwa minnu li ġiet ippreżentata lista ta' fliexken, li minn *stocktaking* li sar fl-istabbiliment PAVI, irriżulta li kienu neqsin u ma ġewx imħallsa, iżda b'dan kollu, din ma tikkostitwixxix prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li proprju dawn il-fliexken kienu l-istess fliexken li jidhru fil-filmati, u li effettivament ġew meħuda mingħajr ma ġew imħallsa minn dan ir-raġel u Claire Pulis.

Dwar il-filmat tal-25 ta' Ottubru, 2019, Claire Pulis tidher waħedha tpoġġi flixkun tax-xorb ġo *handbag* u mbagħad tpoġġi xi fliexken ġol-kontenitur li kienet qed tiġbed warajha. Madanakollu, għal darb' oħra, din il-Qorti ma tqisx li b'dan il-filmat biss, hemm biżżejjed provi suffiċjenti li jippruvaw li dawn il-flixken indikati f'PS 5, huma l-istess flixken li ħadet Pulis fil-pussess tagħha, u li allegatament baqgħet ħierġa bihom mingħajr ma ħallset għalihom. Dan iktar u iktar meta tqis, li mill-filmat jidher li Pulis poġġiet flixkun wieħed biss ġol-*handbag* tagħha, mentri l-oħrajn poġġiethom ġol-kontenitur li kienet qed tiġbed warajha. Huwa minnu li huwa suspettuż għalfejn l-imputata poġġiet dan il-flixkun fil-*handbag* u mhux fil-kontenitur li kienet qed tiġbed warajha, iżda b'dan il-filmat biss, din il-Qorti ma tqisx li hemm biżżejjed provi li jwassluha għal dak il-konvinvċiment neċessarju, biex issib ħtija fl-imputata.

Il-Qorti ma tqisx għalhekk, li tista' ssib ħtija fl-imputata għal imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tagħha.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tagħha.**

____________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

____________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**